**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 22 ta' April 2024

Kawża Numru: 822/2009

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Keith Mullan)

**--vs--**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Alfred Mallia** ta' 57 sena, imwieled l-Msida fl-15 ta' Frar 1952 u residenti Flat Numru 1, Angela Flats, Triq il-Gifen, San Pawl il-Baħar detentur tal-karta tal-identità bin-numru 186852M, imputat talli f' Marzu tal-2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a. ikkorrompejt lill-Nigel Abela, uffiċjal jew impjegat pubbliku bħala uffiċjal fid-dipartiment tal-VAT, u irrendejt ruħek kompliċi mal-istess Nigel Abela filli, fil-kapaċità tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva, jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, wegħdt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex iġġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, ippromovejt, ikkostitwixxejt, organizzajt, jew iffinanzjajt għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li tagħmlu reati kriminali li għalihom tistgħu teħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b’mezz ta’ rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, billi inqdew b’qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b’ qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

e. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b’mezz ta’ rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

f. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, għamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienu jafu li ma kinux korrett jew qarrieqi f'xi rigward materjali.

B'hekk int, Alfred Mallia, sirt reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b' diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Kif ukoll, b'hekk int Alfred Mallia, ksirt ukoll ordni ta' probation hekk kif ikkontemplat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), datata l-1 ta' Frar 2007.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 5 tal-att kontra il-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti;

Il-qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li wara li sar l-eżami l-imputat skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat wieġeb mhux ħati;

Il-prosekuzzjoni eżebiet estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Alfred Mallia;

Rat l-ittra tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-10 ta' Awwissu 2009 li biha ta' l-kunsens ai termini tal-artiklu 83 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jibdew proċeduri kriminali kontra l-imputat.

Rat li permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Settembru 2009, il-Qorti ordinat is-sekwestru f'idejn terzi b'mod ġenerali ta l-assi kollha li jkunu dovuti lill-imputat jew li jkunu proprjetà tiegħu. Inoltre il-Qorti ipprojbixxiet lill-imputat milli jittrasferixxi bi kwalunkwe mod hu jew jipoteka bi kwalunkwe mod il-proprjetà tiegħu, mobbli jew immobbli. Il-qorti ordnat din imputat ikun jista' jibqa' jirċievi pensjoni hu jew benefiċċji soċjali sa l-ammont ta' €13,976.00, ordnat il-ħatra ta' Dr Patrick Valentino sabiex jagħmel inventarju tal-assi tal-imputat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2011 kif hemm maħsub fl-artikolu 370(3)(a), bir-riserva li l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Pulizija jogħġobha tressaq, li biha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati dwar dak li hemm maħsub:

a) fl-artikoli 18, 115, u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) fl-artikoli 18, 121(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) fl-artikoli 18 u 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) fl-artikoli 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
e) fl-artikoli 18, 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) fl-artikoli 18, 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mal-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta;
g) fl-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
h) fl-artikoli 17, 18, 23B, 31, 49, 50, 119, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2019, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi kien fadallu żewġ xhieda xi jressaq, biss peress li l-imputat seta' jixhed fil-proċeduri li kien hemm kontra dawn iż-żewġ xhieda, huwa għażel li jiddikjara l-provi magħluqa.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2022, id-difiża ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq.

Rat illi fil-21 ta' Marzu 2022 saret trattazzjoni u l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi waqt is-seduta tal-23 ta' Mejju 2023 il-Prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil-Qorti kif presjeduta mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Rat illi d-difiża minkejja li ngħatat żewġ estenzjonijiet sabiex hija tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, hija baqgħet inadempjenti.

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2024 il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet li għalkemm fit-22 ta' Marzu 2011 ġew ippreżentati l-artikoli bir-riserva, wara li nstemgħu il-provi mill-pulizija, ġie ddikjarat quddiem din il-Qorti diversament preseduta li 'l-prosekuzzjoni kienet qiegħda tagħlaq il-provi, biss l-artikoli baqaw ma nqrawx. Għaldaqstant, waqt l-istess seduta tal-5 ta' Frar 2024, fuq ordni tal-Qorti nqraw l-artikoli, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-kawża tiegħu tinstema' mil-Qorti tal-Maġistrati bi proċedura sommarja.

Rat illi waqt l-istess seduta l-avukat difensur irrinunzja għal-oġġezzjonijiet dwar dak li seħħ wara l-10 ta' Ġunju 2019, jiġifieri d-data li fiha l-uffiċjal prosekutur kien iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq, u allura kellhom jinqraw l-artikoli, kif ukoll iddikjara in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mill prosekuzzjoni bħala validament ippreżentata, u l-Qorti iddiferiet il-kawża għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-ispettur Ian Joseph Abdilla** xehed fid-9 ta' Settembru 2009 li waqt l-investigazzjonijiet dwar irregolaritajiet fid-dipartiment tal-VAT irriżulta li l-imputat magħruf bħala 'ż-żiffa' kien il-middle man bejn ċerta negozjanti u nies ġewwa d-dipartiment tal-VAT. Huwa arresta lill-imputat u għarfu fl-awla. L-imputat kien stqarr li kien ltaqa ma Nigel Abela ġewwa z-Zaps Bar u dan kien qallu li jaħdem ġewwa d-dipartiment tal-VAT u kien waqa l-kliem dwar kif setgħu jaqilgħu lira. L-imputat kien qallu illi darba minnhom kien iltaqa' ma' Nigel, u dan ried jixtri l-Mercedes tiegħu għal €12,000 avolja dan kien xtraha biss €6,000, biss l-imputat baqa' ma tħallasx u transfer qatt ma sar. L-imputat imbagħad biex jitħallas kien beda jċempel lil-Nigel u beda jintroduċieh ma nies dwar problemi bil-VAT. Ix-xhud jgħid li irrefera diversi nies fosthom ċertu Joseph ta' Natu, u l-imputat kien anke irrefera għal- għajnuna għand ċertu Joseph Abela magħruf bħala 'il-Ħajta'. Nigel kien talab xi €2000 bħala ħlas tiegħu għal dan ix-xogħol ta' Joseph ta' Natu. L-istess Joseph Abela kien issuġġerixxa li għal din l-ewwel biċċa xogħol jitħallsu inqas għax il-biċċa xogħol ta' Natu kienet ikbar u setgħu jagħmlu kemxa oħra.

   Issemma wkoll Pawlu Magri li għandu ħanut tal-ħadid, peress li dan Abela kien laqqa' lil-Nigel ma' Magri.

   Semma wkoll li Nigel kien talab €8000 lill-Rodrick tal-Krejn għal xi biċċa xogħol.

   Issemma wkoll ċertu Alex Scudamore li kellu restorant ħdejn il-Paparazzi kien ġie l-kliem fuq xi multi li kellu tal-VAT u Alfred Mallia kien offra biex jgħinu. Fuq din ta' Alex kien daħal ukoll Salvu Micallef. Lill-Alex kienu talbuh €4,000, €1,000 minnhom kellhom imorru għand Salvu, €1,000 għalih u l-kumplament biex tissolva problema tal-VAT, biss skond Alfred Mallia stess żamm €3,000 għalih u €1,000 għadda lil Salvu. Mbagħad l-Ispettur bagħat għal Alexander Scudamore li qallu li lill imputat mhux €4,000 kien għaddielu imma €10,000. Aktar tard reġa' tkellem mal-imputat li ammetta li kien żamm is-somma ta' €9,000 għalih, u għadda €1,000 lill-Salvu Micallef.

   Ix-xhud kellem lill-ċertu Anthony Muscat magħruf bħala l-Banis li kien diġà ssemma fl-investigazzjonijiet, u li kien propjetarju tal Oki Koki Bar dwar xi problemi mal-VAT Department.

L-ispettur ippreżenta stqarrija meħuda fil-5 ta' April 2009 li ġiet immarkata bħala dok IJ1, fejn fiha ara fil-firma tiegħu u l-firma ta PS494 u l-firma tal-imputat. Ippreżenta wkoll bħala dok IJ2 stqarrija oħra tas-6 ta' April 2009 fejn fiha għaraf il-firma ta' PC832 u l-firma tal-imputat, kif ukoll stqarrija oħra immarkata bħala dok IJ3 ta 15 t' April 2009 fejn qara fil-firma tiegħu u dik ta' PS494. Dawn l-istqarrijiet ittieħdu wara li l-imputat ingħata t-twissijiet skont il-liġi.

Ix-xhud ippreżenta wkoll 'letter to prosecute' ai termini tal-Kapitolu 406 kif ukoll xi sentenza ai fini tar-reċidiva.

L-Ispettur Abdilla reġa xehed fit-30 ta' Ġunju 2010 u ppreżenta sentenza tal-Qorti li ngħatat fl-1 ta' Frar 2007.

2. **L-istqarriji tal-imputat** tal-5 u 6 ta' April 2009, u tal-15 ta' April 2009.

3. **Il-perit legali Dr Patrick Valentino** xehed fid-19 ta' Frar 2010 u ppreżenta elenku u relazzjoni dwar l-assi tal-imputat

4. **Mark Anthony Camilleri** xehed fil-15 ta' Ottubru 2010 u qal li huwa kien ġie investigat b'konnessjoni ma' irregolaritajiet dwar VAT u kien ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu. Qal li kellu xi VAT returns b'lura u kontijiet pendenti. Fi żmien ċertu Jesmond Abela kien qabdu mal-imputat li hu għaraf preżenti fl-awla. Ix-xhud kien jaf ukoll lill-Saviour Micallef u kien f' kuntatt miegħu. Kien iltaqa' mal-imputat viċin l-Università, qallu li rranġalu l-kontijiet u ried €500, li huwa taħ cash għas-servizzi tiegħu. Ix-xhud ma kienx jaf x'inhu ix-xogħol tal-imputat. L-imputat kien qallu wkoll li kellu refund ta' xi €8,000. Imbagħad kien laqqgħu ma' Nigel Abela li minn dawn it-€8,000 refund, huwa talbu €3,000. Ix-xhud dawn ħallashom lill-Nigel Abela. Sa fejn jaf hu, l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn ma' dawn it-€3,000.

   In kontro-eżami jgħid li l-arranġament li kellu ma' Saviour Micallef kien li jgħaddilu l-irċevuti u dan jimlielu l-vat returns. L-irċevuti kien fil-fatt għaddihomlu u kien talbu €2,000. Ir-returns kien issottomettiomlu hu. Dan kollu seħħ qabel ma Jesmond Abela laqqgħu mal-imputat. Jikkonferma li l-€500 li semma qabel kien għaddihom lill-

imputat peress li qallu li kien irranġalu kollox. Pero hu kien minngħalih li kien irranġahomlu Saviour Micallef.

5. **Emanuel sive Jesmond Abela** xehed fit-18 ta' Jannar 2011 u ikkonferma li kienu ttieħdu proċeduri kontra tiegħu in konnessjoni ma' dan il-każ, ġew deċiżi u kkonfermati bl-appell, u s-sentenza kienet eżekuttiva. Qal li l-imputat kien ilu jafu sew żmien twil, u kienu anke joħorġu flimkien ma tal-familja. F'okkażjoni minnhom iltaqaw u kien hemm ukoll Nigel Abela u ċertu Salvu. Dan Nigel qallu li huwa accountant u li jekk ikun jaf lil xi ħadd bi l-problema tal-VAT huwa jkun jista' jgħin. Sussegwentament ix-xhud kien irreferielu lil Joe Ta' Natu.

6. **Gregory Brincat** xehed fit-23 ta' Frar 2011 li huwa kellu każ u li llum huwa magħluq. Huwa kien ġie mlaqqa' minn Salvu Micallef ma' ċertu Alfred Mallia biex jirranġalu d-dokumentazzjoni, tiġi żbarazzata mid-Depot u mill-Qorti u għal dan kien talbu l-prezz ta' €30,000. Dan sar fl-isfond li huwa bħala direttur ta' S & R Handaq Ltd kien ġie mitlub iħallas is-somma ta' €200,000 bħala VAT u multi. Huwa ltaqa mal-imputat darbtejn u kellmu darb' oħra fuq it-telefon. Ix-xhud ma kienx aċċetta, u fil-fatt l-imputat kien niżżel il-ħlas mitlub għal €18,000. L-imputat kien laqqgħu ma' persuna oħra li spjegalu kif kienu se jsiru l-affarijiet biss din il-persuna hu għandu d-dubji min hi. Ix-xhud xorta ma aċċettax li jħallas is-somma ta' €18,000.

7. **Alexander Scudamore** xehed fil-11 ta' Frar 2019 u reġa xehed in kontroezami fl-1 ta' Marzu 2021. Fl-ewwel xhieda tiegħu huwa qal li kien tressaq fuq dan il-każ u ngħatat sentenza u għadda ż-żmien ta' l-appell mingħajr ma ġie ntavolat appell. Xehed li huwa kien direttur ta' kumpanija u kien ukoll il-maniġer ta' restorant Bouzouki f'San Ġiljan. Huwa qal li kien iltaqa' mas-Sur Mallia, l-imputat, ir-restaurant tiegħu, u dan offrielu li jirranġalu xi affarijiet mad-dipartiment tal-VAT, u ix-xhud irrispondih "kieku tajjeb". Huwa dak iż-żmien kellu kont ta' xi €33,000 għal perjodu ta' xi 6 xhur. Hu kien ipprova jirranġa mad-Dipartiment tal-VAT, biex sakemm iħallas ma jinkorrix interessi, bħalma kien jagħmel mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, biss skont hu tad-Dipartiment tal-VAT ma kinux helpful. Jgħid li din kienet l-ewwel darba li ltaqa ma' l-imputat. Hu jgħid li l-imputat seta' jirranġalu biss kellu iħallas ammont ta' flus. L-imputat kien mar jiekol fir-restaurant u kellem lix-xhud qallu li sema' li kellu xi problemi tal-VAT, qallu li huwa ħabib ta' persuna li ma semmiex x'jisimha, u ftehmu biex jerġgħu jiltaqgħu. Waqt din

it-tieni laqgħa ix-xhud ta' xi flus lill-imputat madwar €5,000 li kienu intiżi biex jitħallsu in-nies tal-VAT Department. Hu ammetta li dak li għamel kien ħażin u ddispjaċieh. Kien għaddielu l-VAT returns ta' l-ewwel tliet xhur u tat-tieni tliet xhur, iffirmati minnu. Xi ftit żmien wara l-imputat reġa' mar u staqsieh għal aktar flus u x-xhud taħ €2,000 oħra. Jiftakar li l-imputat imbagħad kien għaddielu lura xi karti tad-dipartiment tal-VAT li kienu juru ammonti differenti, u dawn ma kinux l-istess karti li kien ta ix-xhud oriġinarjament lill-imputat, u ma kinux iffirmati minnu. Imbagħad ra kollox fuq il-gazzetti u apparti l-fatt li hu ġie arrestat, ma ġara xejn iktar. Ix-xhud jgħid li qatt ma tkellem mal-persuna li kienet qed tirranġa l-affarijiet fid-dipartiment tal-VAT iżda tkellem biss mal-imputat.

8. **Rocco Polidano** xehed li huwa kien diġa għadda proċeduri fuq dan il-każ. Jgħid li kien iltaqa' f' ħanut Buġibba u kien saqsa lill-ħabib tiegħu, l-imputat, li huwa għaraf fl-Awla, biex jgħinu. Ix-xhud kellu jagħti bħala VAT bejn €4,000 u €6,000, u kien ta’ l-karti konna lill-imputat, u kien taħ €3,000 biex jirranġalu. Aktar tard igħid li dawn kienu liri Maltin. L-imputat kien urih xi rċevuti li ma kienx iffirma ix-xhud. Ix-xhud jgħid illi l-imputat kien għaddielu numru tat-telefon ta' ċerta wieħed Nigel, ċempillu u ltaqa miegħu Ħal Luqa. Waqt il-kontro eżami meta ġie suġġerit lilu illi huwa kien għadda l-flus lill-imputat biex dan iħallaslu il-VAT peress li x-xhud kien bniedem busy, huwa kkonferma. Fir-rieżami fuq mistoqsija jekk jafx jekk il-flus tħallsux il-VAT u jekk il-kont inqatax, hu jgħid li ma jafx.

9. **Keith Stagno Navarra** xehed li huwa kellu jagħti xi €30,000 bħala VAT u kien waqa' lura fil-pagamenti. Xi ħadd tal-familja kien qallu biex iċempel il-VAT u jistaqsi ghal-Alfred Mallia, li kien jaħdem id-dipartiment tal-VAT. Hu hekk għamel u kien iltaqa' miegħu barra quddiem id-Dipartiment tal-VAT. Kont tajtu xi €8,000 jew €10,000 biex jaqta' l-kontijiet. Ix-xhud ma jiftakarx sew jekk kienx iltaqa' miegħu darba jew darbtejn. L-imputat kien qallu li ħa jirranġalu l-affarijiet. Ix-xhud ikkonferma li waqt l-investigazzjoni kien ġie muri xi VAT returns, u dan ikkonferma li kienu tiegħu, u li ma kienx melihom hu. Jgħid li kien sarlu xi sekwestru mal-bank fl-ammont ta’ xi €28,000 u kien għadda xi karti lill-imputat dwar l-ammont li kellu jagħti ta' VAT, u l-imputat kien mar id-dar tiegħu u neħħielu s-sekwestru. Jgħid li huwa ħallas xi €8,000 jew €10,000 biss dwar dan, cioe l-ammont li diġà ssemma hawn fuq. Jikkonferma illi ingħata xi rċevuti pero ma jiftakarx lil min ħallas eżattament biss kien hemm iktar minn

ċekk wieħed pero b'kollox kien ħallas dawn l-imsemmija €10,000. Huwa jikkonferma li ltaqa' biss mal-imputat.

10. **Herman Sant** xehed fl-1 ta' April 2019 illi li huwa kien ġie investigat tressaq il-qorti u ħareġ illiberat. Jgħid li dak iż-żmien kellu il-Blues Cafè. Lill-Nigel kien jafu tfal peress li kienu l-iskola flimkien u trabbew flimkien. Lill-imputat sar jafu il-Blues Cafè. Kien ġie ma' ċerta wieħed Salvu Micallef biex jippruvaw jimpurtaw xi nbid minn barra. Meta mistoqsi jgħid li qatt ma kellu problemi ta' VAT.

11. **Anthony Muscat** xehed darbtejn. L-ewwel darba kien xehed fl-1 t' April 2009 u qal li kien diġà tressaq dwar dan il-każ u ħareġ illiberat. Aktar tard jgħid li kien weħel il-ħabs imma ma marx il-ħabs. Dak iż-żmien kellu business tad-dgħajjes u issa għadda kollox lit-tifel tiegħu. Kien kellmu xi bniedem fuq senserija. Huwa jgħid li dan il-bniedem ma jafx min hu għax kien kellmu Kemmuna. Kien qallu li jismu Alfred iżda ma jagħrfux fl-awla. Hu jgħid li kellu xi kontijiet lura tal-VAT, u dan Alfred kien se jipprova jirranġalu biex iħallas fix-xahar. Id-depożizzjoni kienet ġiet sospiża peress li x-xhud ma bediex jiftakar id-dettalji tal-każ.

    Sussegwentement reġa' xehed fis-6 ta' Mejju 2019. Huwa kkonferma li kien weħel imbagħad appella u ħareġ illiberat fuq dan il-każ dwar VAT. Huwa kellu kont ta xi €3,300. Kien iltaqa' ma Alfred Mallia għal ħabta tal-2007 Kemmuna meta dan kien mal-familja tiegħu biss kienu tkellmu aktar tard fuq it-telefon. Huwa l-ewwel jgħid illi ma kienx jiftakar il-laqam tiegħu iżda mbagħad jgħid illi l-Ispettur Abdilla kien qallu x'kien il-laqam tiegħu ċioe iż-żiffa. Dan kien tkellem miegħu fuq senserija minħabba li kien qiegħed ibiegħ l-appartament u kienu tkellmu fuq it-telefon dwar il-pjanta tal-appartament. Ix-xhud isemmi wkoll il-kliem li qallu Alfred "ikollok bżonn ta xi ħaġa inkun nista' ngħinek għidli u fejn nista' ngħinek". Ix-xhud kien staqsih "F'hiex tista' tgħini?", u kompla qallu "għandi każ mal-VAT forsi inkun nista nirranġa li nħallas fix-xahar". Biss jgħid li dan qatt ma rranġalu xejn, u ħaseb li kien kollu bluff. Jgħid li kien taħ il-card tiegħu peress li huwa peress li kien jagħmel il-boat trips kien jgħaddiha lill-klijenti kollha tiegħu. Dan kellu jċempillu peress li kien sensar biex jgħaddilu kopja tal-pjanta ta' appartament li kien qed ibiegħ.

In kontro-eżami mistoqsi jekk l-imputat qattx irranġalu għal VAT u jekk talbux xi flus għal dan, huwa jinnega. Jgħid li qatt ħadd ma rranġalu xejn dwar VAT.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-difiża ressqet xhud wieħed in kontroeżami. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

1. **Alexander Scudamore** xehed in kontroezami fl-1 ta' Marzu 2021. Mistoqsi jekk l-imputat qallux li jekk iħallas ammont ta' flus kien se jitneħħielu l-kont kollu pendenti dwar VAT, jgħid li kien hemm żewġ kontijiet tal VAT u jekk iħallas certu ammont dawn kienu jiġu ridotti fix-xejn. Mistoqsi jafx li seta jgħamel appuntament ma' tal-VAT u b'mod legali jsiru arranġamenti, jgħid li jaf li dawn ma setgħux isiru għax ipprova u ma wasal mkien. Ix-xhud iqabbel is-sitwazzjoni ma djun tal-bolla, u jgħid li magħhom kien jirranġa. Issuġġerit lilu li l-imputat kien se jkellem lil xi ħadd biex jinbeda dan il-proċess legali dwar arranġament, ix-xhud jirrispondi "highly unlikely" imbagħad ikompli jgħid "through official channels ... no. Absolutely not".

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna imputata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat** *"talli f' Marzu tal-2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

   a. *ikkorrompejt lill-Nigel Abela, uffiċjal jew impjegat pubbliku bħala uffiċjal fid-dipartiment tal-VAT, u irrendejt ruħek kompliċi mal-istess Nigel Abela filli, fil-kapaċità tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva, jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd;"*

Il-liġi Maltija titratta l-korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku fl-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. Fl-artikolu 120(1) imbagħad iddaħħal dak li l-liġi ssejjaħ bħala kompliċita

fir-reat ta' korruzzjoni, filwaqt li fil-120(2) insibu reat ieħor li jixbaħ l-elementi tat-tentattiv. Dan il punt ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Marzu 2023, Appell numru 34/2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Caruana Curran u Charles Joseph Mercieca**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *"Dan ir-reat ipotizzat fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa fattispecie awtonomu minn dak previst fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u ġustament ritenibbli bħala reat ad hoc."*

Fl-artikolu 115 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

> *"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;"*

Fl-Artikolu 120 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

> *"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118, il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi."*

Minn dawn iż-żewġ artikoli allura joħroġ ċar li r-reati kontemplati jinvolvu l-korott u l-korruttur. In-**Novissimo Digesto Italiano** (UTET, 1957, vol. IV, v, corruzione, p. 899) jgħid hekk:

> *"La corruzione si presenta sotto una duplice forma: passiva e attiva. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda cioe' il fatto dell'intraneus, pubblico ufficiale e incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, per un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio. La seconda, e cioe' lattivita', e' costituita dal fatto del corruttore; e riguarda cioe', la condotta dell'extraneus, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** għamlet eżami dwar ir-reat taħt l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u qalet hekk (ara ukoll sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-3 ta' Diċembru, 2012 bin-numru 905/2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Angelo Gafa`] vs Nicholas Dimech)**:

*"Illi minn ezami ta' l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:*

*1. in-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*
*2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.*
*3. li dana jkun in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impieg.*
*4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha."*

Illi fil-kawża I**l-Pulizija vs Nicholas Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fit-23 ta' Lulju 2019 ingħad is-segwenti:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia) vs Joseph Buhagiar, Joseph Muscat, Pacifico Sammut, Charles Vella, Vince Magro, George Vassallo u Carmelo Mifsud'** il-Qorti f'dik is-sentenza appellata kienet ikkunsidrat li:*

*'l-imputazzjoni principali dedotta kotnra l-imputati kollha hija dik mahsuba fl-Artikolu 114 u 118 tal-Kodici Kriminali cioe' dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal jew impjegat pubbliku. Illi dan ir-reat ghandu erba elementi essenzjali u cioe':*

*1. Illi l-hati irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku.*
*2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.*
*3. Ghall-fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.*
*4. L-azzjoni ta' l-ufficjal jew impjegat pubbliku trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci, Paul Gauci'</u>** il-Qorti f'dik is-sentenza appellata skont ma jirrizulta mis-sentenza, ikkunsidrat li:*

*'Mill-premess jirrizulta illi sabiex jimmatura r-reat odjern ossija sabiex tikkonfigura l-komplicita' f'dan ir-reat, iridu jikkonkorru s-segwenti fattur:*

*1) li ufficjal jew impjejegat pubbliku,*
*2) jircievi jew jaccetta xi utilita' jew vantagg,*
*3) in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu,*
*4) u li ghalih ma jkollux jedd.'*

*Kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali fl-appell tieghu permezz tal-Att numru III tas-sena 2002 il-kliem "jirċievi jew jaċċetta" kienu ġew sostitwiti bil-kliem "jitlob, jirċievi jew jaċċetta". Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis ukoll sentenzi aktar ricenti.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija [Spettur Jonathan Ferris] vs Thomas John Woods'*** *gie kkunsidrat li:*

*'Fi kliem* ***il-Professur Mamo*** *(Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55 Professor A.J. Mamo, pagna 84):*

***"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."***

*Din id-distinzjoni harget fis-sentenza fl-ismijiet* ***il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea*** *(Qorti ta l-Appell Kriminali; 25 ta' Lulju 1986) fejn inghad is-segwenti:*

***"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l- ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l- kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit- tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."***

*Fil-kaz appena citat, il-Qorti riteniet li:*

***".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effett ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."***

*Fil-fatt id-diskussjoni dwar il-piena ghar-reat ta' korruzzjoni tista' tigi sommata fi kliem tas-sentenza kif moghtija mill-istess Qorti:-*

***"L-iskop u effikacja tal-korruzzjoni huma fatturi rilevanti ghal quantum tal-piena, u mhux ghall-ezistenza o meno tar- responsabilita' kriminali. Il-ligi hija cara; 'kul ufficcjal.... li jircievi jew jaccetta jikkommetti dan ir-reat."***

*L-elementi huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et. fejn gew deskritti bis-segwenti manjiera:*

*1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku;*
*2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd;*
*3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu;*
*4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid- dmir tieghu li jaghmel.*

*Illi dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija [Assistent Kummissarju Mario Spiteri] [Supretendent Simon Galea] vs Kenneth Sevasta'*** *dwar ir-raba' element tar-reat taht l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe" 'Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel' gie kkunsidrat ukoll li:*

*'Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficcjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l- ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il- Professur Mamo jghid:*

***"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."***

*It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:*

***"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."***

***Fis-sentenza fl-ismijiet <u>'Il-Pulizija v. Liliana Galea'</u> gie kkunsidrat:***

***' Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. David Gatt moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Novembru 2011, differentement mill- posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna "sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."***

Għalhekk sabiex l-imputat jinstab ħati, l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-elementi bażiċi li jikkontempla ir-reat ta' korruzzjoni ta' l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe:

1. In-natura uffiċjali jew pubblika ta' l-impjieg tal-persuna ikkonċernata.
2. Li dik il-persuna irċeviet jew aċċettat flus, jew xi rigal, jew wegħda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-liġi.
3. Li dana jkun in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impjieg.
4. Li l-iskop ikun illi l-persuna tagħmel jew ma tagħmilx id-dmir tiegħu/tagħha.

Finalment il-Prosekuzzjoni jeħtieġ li tipprova wkoll illi jekk għaddew xi flus, il-ftehim li l-imputat kellu jgħaddi l-flus lill-imputat sar propju qabel dak li ftehmu li kellu jsir u mhux wara u dan għaliex kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija **Il-Pulizija vs Liliana Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012. Taħt is-sistema legali tagħna bribery after the fact ma jeżistix u sakemm ma jkunx hemm

ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku wara li dan ta' l-aħħar ikun qegħda d-dover tiegħu.

> *Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

**<u>L-ewwel element: *in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*</u>**

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** ċitata hawn fuq, fejn il-Qorti għamlet referenza għan noti tal-Professur Mamo, ingħad li:

> *"Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid: "The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.""*

I-Qorti tibda billi tfakkar li fil-kamp kriminali l-onus tal-provi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Jispetta lill prosekuzzjoni li ġġib dawk il-provi li jwasslu lill-Ġudikant għal fehma il-henn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, dwar l-elementi tar-reat. Il-Qorti ma tista tassumi xejn. Il-prova trid tirriżulta mill atti.

L-artikolu 120(1) isemmi bħala persuni li jistgħu jiġu korrotti: *"il-persuna li tikkorrompi* ***<u>uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew</u>***

***persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ****"*, cioe erba' persuni:

b. *uffiċjal;*
c. *impjegat pubbliku;*
d. *membru tal-Kamra tad-Deputati; jew*
e. *persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ.*

F'dan il-każ l-unika referenza dwar l-element tal-akkuża li jirreferi għal uffiċjal pubbliku jinsab fl-akkuża, u fl-istqarrija tal-imputat. Fl-imsemmija stqarrija a fol 22 l-imputat jammetti li Nigel Abela stess kien qallu li huwa kien jaħdem fid-dipartiment tal-VAT. Jirriżulta mill istess stqarrija a fol 23 pero anke mid-diversi xhieda li l-imputat kien konvint li Nigel Abela fil fatt kien impjegat mad-Dipartiment tal-VAT peress li beda jgħaddilu n-nies biex jirranġalhom dwar problemi ta' VAT.

Il-Qorti tqis li peress li dan l-element huwa parti essenzjali ta' din l-akkuża, mhuwiex biżżejjed li l-imputat ikun konsapevoli li l-persuna korrotta tkun-uffiċjal pubbliku. Kieku l-persuna ma tkunx vera uffiċjal, dan id-delitt ma jissussitix. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-element irid jiġi pprovat mil-prosekuzzjoni sal grad rikjest mil-liġi.

Peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan l-ewwel element dwar il-karattru tal-persuna allegatament korrotta ma tistgħax tinsab ħtija taħt l-artikolu 115, u 120(1).

Il-Qorti se tgħaddi sabiex tanalizza l-elementi tat-tieni (2) subartikolu tal-artikolu 120 li huwa r-reat ad hoc konsistenti fit-tentattiv tal-korruzzjoni. Hawnhekk il-Qorti mill-ewwel tinnota illi mal-persuni li jistgħu jiġu korrotti, u li l-Qorti diġà trattat dwarhom hawn fuq, tiżdied *"persuna oħra"*. Din ġiet imdaħħla b'emenda permezz tal-Att Nru. III ta' l-2004, ċirka sentejn qabel id-data li allegatament seħħ ir-reat.

Din il-Qorti se tanalizza din l-emenda sabiex tistabilixxi jekk l-element tal-persuna li tista tiġi korrotta, għal dak li għandu x'jaqsam l-artikolu 120(2) twessgħetx. Il-Qorti tqis li din l-emenda għandha tingħata interpretazzjoni ristretta peress li l-Qorti hija tal-fehma li l-persuni li qed issir referenza għalihom huma dawk msemmija fl-ewwel

paragrafu, li mbagħad jagħmel referenza għal-artikoli preċedenti 115, 116, 117 u 118. Il-Qorti tfakkar li dan l-artikolu jinsab taħt is-Sub-titolu 'Fuq l-Abbuż tal-Awtorita Pubblika'. Din l-emenda, fl-opinjoni tal-Qorti ma tistgħax tiġi nterpretat mod ieħor peress li persuna li ma hijiex mgħobbija b'xi funzjoni jew awtorita pubblika, b'xi eċċezzjonijiet fosthom dawk relatati ma funzjonijiet ġudizzjarji, ma tistgħax tiġi konvinta u korrotta tagħmel xi ħaġa li ma tkunx obbligata tagħmel. L-obbligu li taġixxi b'ċerta mod, u mhux b'mod ieħor, jew li taqdi dmir, irid bilfors joħroġ minn xi dmir jew obbligu impost minn kariga regolata.

Għaldaqstant, peress li kif intqal aktar il-fuq ma ġiex ippruvat li l-persuna korrotta kienet tokkupa xi kariga, din il-Qorti mhix se ssib ħtija dwar din l-akkuża.

3. **It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat:** *"b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, wegħdt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iġġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor;"*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gino Zammit** (per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono) irriteniet:

> *"Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, l-appellant instab hati tar-reat gdid introdott recentement bl-Att III tal-2002, bl-artikolu 121A, kif emendat. Illi dan l-artikolu ghandu tlitt subartikoli. Is-subartikolu (1) jaghmilha reat li wiehed iwieghed, jaghti jew joffri, sew b' mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li tkun kapaci li taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna imsemmija fl-artikoli precedenti, bhal ufficjali pubblici, membri tal-Kamra tad-Deputati, gurati, eccetera, sabiex igieghel lil dik il-persuna l-ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.*
>
> *Is-subartikolu (2) umbaghad jaghmilha reat li xi had jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa imsemmija fis-subartikolu (1).*

*Is-subartikolu (3) jghid li r-reati imsemmija fiz-zewg subartikoli precedenti, jkunu kunsmati sew jekk ilkapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2006 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Noel Arrigo" gie ritenut li :-*

*"li minn ezami tal-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A issoggett attiv, qed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq, biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."*

*"Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C. (sottolinear tal-Qorti)."*

*"Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk li nfluwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."*

Din il-Qorti ikkunsidrat li permezz tal-emendi introdotti bl-Att IV tal-2013 żdiedu l-kliem "*u ta' xi persuna oħra"*. Ovvjament din il-Qorti se tapplika l-liġi l-aktar favorevoli għall-imputat, ċioe dik kif kienet fis-seħħ fiż-żmien l-imputazzjonijiet

Mill-provi prodotti mil-prosekuzzjoni jirriżulta ppruvat li l-imputat għamilha ta intermedjarju bejn persuni li kellhom problemi dwar VAT u Nigel Abela, li min-naħa tiegħu asserixxa li hu seta jirranġa kwistjonijiet ta' VAT.

Illi jsegwi li biex din il-Qorti ssib ħtija fl-imputat dwar din l-akkuza, jrid jiġi ppruvat li Nigel Agius kien verament xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qabel l-emendi tal-2013, u li allura kien uffiċjal pubbliku. Kif ingħad hawn fuq din il-prova ma saritx.

Fin-nuqqas ta' din il-prova, din **il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar ir-reat ravviżat fl-artikolu 120A(1) tal-Kodiċi Kriminali u se tkun qed tilliberaħ minn din l-akkuża.**

4. **Ir-raba imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat (it-tielet imputazzjoni se tiġi kkunsidrata wara li l-Qorti tikkunsidra l-kumplament tal-imputazzjonijiet):** *"d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz tar-rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b' qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;"*

Din l-akkuża għaldaqstant tikkontempla kemm it-truffa kif ukoll ir-reat anqas gravi tal-frodi innominata. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** jingħad li:

> *"Biex jissussisti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza*

*moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz, jew*
*c. ta' kwalifiki foloz, jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
*e. ingann, jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew*
*g. ta' hila, jew*
*h. setgha fuq haddiehor, jew*
*i. ta' krediti immaginarji, jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ....."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mis-e-enscene."*

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod illegittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale". Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi fis-sentenza **l-Pulizija vs Arnold Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar 2019 ġie indikat is-segwenti:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Aaron Mizzi'** gie kkunsidrat li: 'Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu meta jghid, "... l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici menzione izda akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibilità tas- sitwazzjoni fabbrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-messa in scena appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identità tieghu mal-vittma u ftiehem mieghu biex izommhielu ghandu bhala garanzija illi kien se jhallas lura l-flus illi kien issellef." Dan l-agir tal-appellat jaqa' nettament taht il- kamp penali u l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dawn il-fatti biex tghid illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellat u Cardona.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**, gie kkunsidrat li: "Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur.*

*Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u*

*perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u filfatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

*Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet* ***__'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'__*** *gie kkunsidrat: 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna.*

*Fi kliem Antolisei artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

*Antolisei jkompli jghid pero' li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

Issa l-Qorti qieset il-provi li għandha quddiema. Qieset li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li dak li għamel l-imputat jikkonsisti f'manuvri kif kontemplat fir-reat tat-truffa. Ma jirriżultax mil-provi prodotti li l-imputat adopera xi manuvri li mpressjonaw il-vittma jew vittmi, jagħmlu l-ħlas li wassal għad-dannu materjali. Is-sempliċi stedina jew tħajjir li huwa seta jirranġa kwistjonijiet ta' VAT ma jwassalx għal dak li titlob il-liġi peress għalkemm dak imwiegħed allegatament kien frawdolentim ma ġewx adoperati fatti esterni għal-dik l-istedina, kif rikjest fir-reat tal tal-*frode messa in scena.*

Illi għaldaqstant din il-Qorti tgħaddi biex tevalwa jekk jissussistix ir-reat kontemplat fl-artikolu 309, meqjus bħala reat minuri tal-frodi innominat. Fis-sentenza ċitata supra **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** tkompli biex tanalizża l-imsemmi frodi innominat kif kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9:

*"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos*

*milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Mill-provi jirriżulta li l-imputat ħejja pjan li bih huwa spiċċa għamel gwadann sostanzjali. Mix-xhieda ta' Scudamore jirriżulta li dan ħallas ammont ta' flus li kienu flejjes relatati mad-dejn dwar VAT. L-imputat fit-tieni stqarrija tiegħu tas-6 ta' April 2009 jammetti li l-ammont iffrodat u li kellu jitħallas bħala dejn dwar VAT kien ta' €10,000.

Scudamore xehed li l-imputat kien offrielu, fl-ewwel okkażjoni li ltaqa miegħu fir-restorant mmexxi minnu Bouzouki f'San Ġiljan, li jirranġalu xi affarijiet mad-dipartiment tal-VAT. Scudamore jgħid li dak iż-żmien kellu kont ta' xi €33,000 u li ħallas xi flus lil-imputat sabiex dan jirranġalu d-dejn tal-VAT.

Mill-imsemmija stqarrija tal-imputat tas-6 ta' April 2009 jirriżulta li mil-flus imħallsa lilu minn Scudamore żamm għalih l-ammont ta' €9,000:

*"D: Dwar Alex Ltd, il-bierah inti ghidilna li Alex tak €4,000 li minnhom ghaddejt €1,000 li Salvu Micallef u €3,000 ghadhom ghandek. Tikkonfermah dan?*
*R: Iva.*
*D: Inti lil Alex €4,000 biss tlabtu?*
*R: Le b'kollox tlabtu €10,000. Nghid li xi tlett gimghat ilu hu kien ghaddieli €6,000 cash ghaliex Salvu kien qalli li kien lesta ix-xoghol. Dawn il-flus qieghdin ghandi.*
*D: Ma' Salvu, Alex gieli iltaqa'?*
*R: Le qatt ma laqqajthom.*
*D: Inti lest trodd il-flus kollha li ghandek u li hadt minghand Alex, u cioe' €9,000?*
*R : Iva."*

L-imputat kellu l-forma mentis intiża biex jinganna lill Scudamore ħalli dan jgħaddilu flejjes bi pretiża tal-kanċellament tad-djun li dan kellu dwar VAT. Ġialadarba, l-imputat żamm kważi l-flejjes kollha għaliħ, Scudamore ġie ngannat u l-flejjes li kellhom jitħallsu lid-Dipartiment bħala VAT spiċċaw għand l-imputat b'dannu għad-Dipartiment tal-VAT u bi gwadann b'qerq għal imputat.

Mix-xhieda ta' Mark Anthony Camilleri jirriżulta li dan ġie ffrodat l-ammont ta' €500 u dana meta kien iltaqa' mal-imputat viċin università, qallu li rranġalu l-kontijiet u ried €500. L-imputat ma jidhirx li kien involut fil-ħlas ta' €3,000 dwar ir-refund msemmi fix-xhieda tiegħu ta' €8,000.

Mix-xhieda ta' Rocco Polidano jirriżulta li dan ħallas bejn €4,000 u €6,000 u dan ma kienx jaf jekk dawn tħallsux lid-Dipartiment tal-VAT.

Mix-xhieda ta' Keith Stagno Navarro jirriżulta li dan għadda l-ammont ta' €10,000 peress li kelu pendenzi mad-Dipartiment ta' madwar €28,000 jew €30,000.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi m'għandiex dubbju li dawn il-flejjes fl-ammont ta' €26,500 kienu dovuti lid-Dipartiment tal-VAT. Dawn tħallsu lill-imputat meta kienu dovuti lid-Dipartiment tal-VAT. Pero l-Qorti m'għandiex dik iċ-ċertezza jekk dawn tħallsux lid-Dipartiment jew le. Mhux l-istess ħaġa jingħad fir-rigward tal-flejjes li tħallsu minn Alexander Scudamore peress li hawnhekk għadna l-ammissjoni ta' l-imputat li minn dawn huwa żamm l-ammont ta' €9,000 għalih filwaqt li għadda €1,000 lill Salvu Micallef. Din il-Qorti għal-fini ta' din l-akkuża se tqis li l-ammont ta' €10,000 kien l-ammont li ġie ffrodat.

Il-Qorti ikkunsidrat dak li hemm maħsub fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9, u peress li l-ammont ta' ħsara magħmula minnu teċċedi l-€5,000, il-piena dwar din l-imputazzjoni għandha tkun dik msemmija f'dan l-artikolu.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' frodi innominat stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

5. **Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat** *"u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz tar-rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz"*

Din l-akkuża hija bbażata fuq l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu iseħħ meta persuna tagħmel dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni falza, jew tagħti informazzjoni falza f'xi dokument maħsub għal awtorità pubblika bl-intenzjoni li tagħmel qligħ jew beneficċju. Analiżi tal-artikoli preċedenti tal-liġi fil-Kapitolu 9 dwar il-falsifikazzjoni turi li dan ir-reat m'huwiex wieħed li jinvolvi alterazzjoni materjali ta' dokument, iżda jirrikjedi falsità ideoloġika. Reat taħt dan l-artikolu jeħtieġ li d-dokument jibqa' ġenwin, anke meta l-intervent malizzjuż fuqu tkun avverat ruħha. Id-dokument ikompli jgħid il-verità dwaru nnifsu, iżda l-attur xjentement ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz, jew ta nformazzjoni falza fid-dokument, b' tali mod li d-dokument ikun fih gideb, dikjarazzjonijiet foloz, jew informazzjoni falza.

Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni fiċ-ċirkostanzi kif allegat li seħħ ir-reat, sabiex jirnexxielha tipprova dan ir-reati fil-konfront tal-imputat bħala attur jew kompliċi, riedet inter alia tippreżentat id-dokumenti tal-VAT li ddaħħlu d-Dipartiment tal-VAT b'informazzjoni falza. Dan il-prosekuzzjoni m'għamlitux.

**Għaldaqstant din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

6. **Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat** "u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz tar-rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, għamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienu jafu li ma kinux korrett jew qarrieqi f'xi rigward materjali"

Għal istess raġunijiet imfissra hawn fuq dwar in-nuqqas ta' prova dwar xi dokument, denunzja, dikjarazzjoni, jew tagħrif mgħoddi lid-Dipartiment dwar il-VAT, **din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

7. **It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat:** *"c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, ippromovejt, ikkostitwixxejt, organizzajt, jew iffinanzjajt għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li tagħmlu reati kriminali li għalihom tistgħu teħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar;"*

Dan ir-reat huwa relatat mal-kriminalita organiżżata. Dan l-artikolu kien iddaħħal permezz tal-Att III tal-2002, u emendat fis-sustanza fl-2014 u fl-2015. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tapplika l-aktar liġi favorevoli għal-imputat. Meta wieħed iħares lejn l-artikolu 83A(1) u (5) qabel l-imsemmija emendi, dan kien jaqra hekk:

> "83A(1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija ghal żmien erba' snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba' snin.
>
> ...
>
> (5) L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta."

Fost l-emendi li saru f' dan l-artikolu tul iż-żminijiet insibu li twessgħat l-applikazzjoni tiegħu billi tneħħew il-kliem 'ta' żewġ persuni jew aktar'. Riżultat t'hekk dan l-artikolu sar aktar wiesha billi ma jispeċifikax kemm il-persuna tista tifforma tali għaqda. Peress li l-imputat qiegħed jiġi imputat dwar l-organizzazzjoni ta', jew l-appartenenza, f' għaqda ta' **żewġ persuni** jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali, din il-Qorti se tapplika din il-verżjoni tal-liġi kif kienet fi żmien il-kommissjoni tal atti li wasslu għal dawn il-proċeduri. Permezz tas-subartikolu (5) imbagħad il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin qed tiġi estiża għal għaqda mwaqqfa Malta li pero jkollha bażi jew tmexxija ta' attivitajiet kriminali barra minn Malta.

Din il-Qorti tosserva illi l-liġi titkellem fuq 'reati kriminali'. Illi għaldaqstant il-formazzjoni ta', u l-appartenenza f' għaqda ta' żewġ persuni jew aktar issir bil-għan li jitwettaq mhux wieħed imma pluralita ta' reati.

Mil-provi li għandha quddiema l-Qorti jirriżulta biss ir-raba akkuża. L-ewwel tlett imputazzjonijiet, u l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet ma rriżultawx, għaldaqstant din il-Qoti ma tistgħax tikkonsidra dak l-aġir fid-dawl ta' din l-akkuża. Element importanti sabiex tinstab ħtija f'din l-akkuża u l-identifikazzjoni ta' minn tal-anqas żewġ persuni. Il-persuni li l-prosekuzzjoni tindika u tallega li konfoffaw f'reat kriminali ma l-imputat huma Nigel Abela, Saviour Micallef u Joseph Abela. Pero l-Qorti naqset milli ġġib il-prova dwar dawn il-persuni, u r-reati li huma wettqu.

Mil-provi prodotti ma jirrizultax li l-imsemmija persuni kollha flimkien mal-imputat, jappertjenu għal allegata għaqda. Bl-istess mod il-prosekuzzjoni ma ppruvatx li twettqu reati mil-persuni msemmija li allegatament jikkosttwixxu din l-għaqda. Lanqas ma nġiebet xi prova li l-imputat ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-allegata għaqda.

**Għaldaqstant il-Qorti m'hijiex se ssib ħtija fl-imputat għal-din l-akkuża.**

8. **L-imputat imbagħad ġie addebitat bir-reċidiva:** *"B'hekk int, Alfred Mallia, sirt reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b' diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.*

L-imputat ġie mogħti l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi huwa prinċipju stabbilit mil-Qrati tagħna li peress li l-addebitu tar-reċidiva jista jkollu konsegwenzi kwalitattivi u kwantitattivi serji fuq il-piena, din trid tiġi ppruvata sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp kriminali, u bl-aħjar prova.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Frar 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg u Antonella Vella** (per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)) fejn ingħad li:

> *47. Iżda sabiex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenzi potenzjal ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-*

*Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li ċerti rekwiżiti stabbiliti mill-liġi u mill-ġurisprudenza jiġu soddisfatti.*

*48. Fosthom hemm :*

*i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;*

*ii. Ir-reċidiva mhix reat per se iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat.*

*iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix suffiċjenti.*

*iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat, jew mill-konnotati tal-imputat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna imputata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.*

*v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.*

*vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret res iudicata billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim' Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal- Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet res iudicata, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali."*

Il-prosekuzzjoni fil-fatt ippreżentat kopji awtentikati tas-sentenzi preċedenti tat-12 ta' Novembru 2002 u tal-1 ta' Frar 2007 mogħtija fil-konfront tal-imputat. Biss il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova, sal grad rikjest mil-liġi, ċioe lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li s-sentenzi msemmija kienu *res iudicata,* kif ukoll li jekk kienu *res iudicata* meta ġew skontati jew maħfura.

**Għaldaqstant din il-Qorti ma jistgħax ikollha s-serħan tal-moħħ dwar dan l-aggravju u se tkun qed tiċħdu.**

9. **L-imputat ġie akkużat ukoll bi ksur ta' ordni ta' probation:** *"Kif ukoll, b'hekk int Alfred Mallia, ksirt ukoll ordni ta' probation hekk kif ikkontemplat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), datata l-1 ta' Frar 2007."*

Din il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bi ksur ta' "*ordni ta' probation hekk kif ikkontemplat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), datata l-1 ta' Frar 2007."* Biss mis-sentenza msemmija, li kif ingħad hawn fuq kopja awtentikata tagħha ġiet esebita mil-Prosekuzzjoni (fol 413 sa 415), jirriżulta li l-imputat kien ingħata ordni għal liberazzjoni kondizzjonata. Din, għalkemm bħal ordni ta' probation kkontemplata taħt l-artikolu 7 tinsab taħt il-Kapitolu 446 hija miżura differenti u hija kontemplata taħt l-artikolu 22.

Issa bis-sentenza msemmija l-imputat kien ingħata il-libertà bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena. Il-Qorti kkunsidrat li mil-provi prodotti, ma jirriżultax meta saru l-atti li dwarhom l-imputat se jkun qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri, cioé dawk relatati mar raba akkuża. Dan qiegħed jingħad peress li l-prosekuzzjoni bħala data tal-imputazzjonijiet ssemmi *"talli f' Marzu tal-2009 u fix-xhur ta' qabel"*. Għalkemm il-prosekuzzjoni skont l-imputazzjonijiet kif dedotti kienet f'qagħda li ġġib il-prova li r-reat seħħ fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, din il-prova ma saritx.

**Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx li l-prosekuzzjoni ppruvat il-ksur ta' xi ordni ta' probation fil-konfront tal-imputat.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat m'għandux fedina penali netta imma lanqas jista jingħad li hija allarmanti. L-imputazzjoni li dwarha se jinsab ħati hija waħda serja u l-Qorti mhix se tapplika l-piena fil-minimu, biss mhix se teroga piena karċerarja effettiva.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti issib lill-imputat **Alfred Mallia** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 186852M, mhux ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, u is-sitt akkuża, u minnhom tilliberaħ, ma ssibx li l-imputat kiser ordni ta' probation kif ikkontemplat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), datata l-1 ta' Frar 2007, u wara li rat l-artikoli 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Alfred Mallia** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 186852M ħati tar-raba' akkuża, u tikkundannah għal piena ta' tletin (30) xahar priġunerija, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti spjegat bi kliem sempliċi, ċar u li jinftiehem skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 23B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-ammont ta' €10,000, rappreżentanti r-rikavat provvenjenti mir-raba imputazzjoni, jiġi konfiskat favur il-Gvern jew, fin-nuqqas li tiġi konfiskata tali somma, għandha tiġi konfiskata dik il-proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għall-ammont ta' €10,000.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat għandu jħallas multa ta' €10,000 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat ravviżat fir-raba imputazzjoni. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Finalment, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tal-ħatra tal-espert Dr Patrick Valentino, liema spejjez b'kollox jammontaw għas-somma ta' €1,158.52.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**